# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 244/19/1 RGM**

**Ismail Issa**

**v.**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tat-18 ta' Frar, 2021, żdied il-kliem "illum Avukat ta' l-Istat"**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tat-28 ta' Ottubru, 2021, li bih ċaħdet it-talba tal-attur sabiex jiġi dikjarat li f'sentenza ta' annullament tad-29 ta' Mejju, 2003, fil-kawża **Adelina Aquilina v. Ismail Issa** (321/1999/1) il-Qorti kisret il-jedd tal-attur għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni

minħabba razza skont l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Il-fatti kif spjegati mill-ewwel Qorti huma dawn:

> *"Fil-11 ta' Frar 1999 Adelina Aquilina intavolat proċeduri kontra Ismail Issa sabiex jiġi dikjarat null iż-żwieġ ta' bejniethom tat-2 ta' April 1997 u dan minħabba li skont is-Sinjura Aquilina iż-żwieġ kien wieħed għal konvenjenza. B'nota t'eċċezzjonijiet ippreżentata fit-23 ta' Settembru 1999, Ismail Issa qabel li jeżistu raġunijiet fil-liġi li jwasslu biex iż-żwieġ jiġi ddikjarat null iżda skontu għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 ta' Mejju 2003 ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' Ismail Issa u laqgħet it-talba ta' Adelina Aquilina u ġie ddikjarat u deċiż li ż-żwieġ bejn l-imsemmija partijiet "huwa null u bla effett u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet."*
>
> *B'ittra datata 28 ta' Frar 2019 ir-rikorrent Ismail Issa ġie informat li "an Order is due to be made in terms of sub-article (1) of Article 14 of the Maltese Citizenship Act (Cap 188) to deprive you of your Maltese Citizenship which appears to have been obtained by fraud". B'ittra tal-5 ta' Marzu 2019, Ismail Issa ikkontesta din id-deċiżjoni".*

3. L-attur fir-rikors li ppreżenta fis-17 ta' Diċembru, 2019, jilmenta li fis-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2003, il-Qorti ddiskriminat kontrih għaliex hu ta' nisel Għarbi, meta fis-sentenza qalet:

> *"Illi ghar-rigward l-attrici jirrizulta mill-affidavit taghha li ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta' cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall- promessi fiergha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b'dan il-mod. Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta' nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f'diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta' sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b'diversi cirkostanzi. Illi f'dan il-kaz jidher li l-insistenza tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kienet persistenti tant li huwa sinifikanti u elokwenti l-kumment tal-konvenuta li meta ghazlet li taccetta l-proposta tal-konvenut ghaz-zwieg hija qalet "fl-ahhar cedejt"".*

4. L-ewwel Qorti ma qablitx mar-raġunament tal-attur, u mmotivat is-sentenza b'dan il-mod:

*"Fil-każ in eżami, ir-rikorrent naqas milli jorbot dan l-artikolu ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rikors promotur. Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li għamel referenza għall-ewwel darba għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kien f'dan l-istadju finali tal-kawża fejn ġie allegat li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq. Ebda referenza għal dan l-artikolu ma saret fir-rikors promotur. Il-Qorti tqis għalhekk li ma tistax tiddeċiedi fuq artikolu li ma ġiex invokat fil-bidu tal-proċeduri. Qatt ma ġie lamentat mir-rikorrenti, lanqas fi stadju ta' provi, li huwa ma kellux smigħ xieraq mill-Qorti tal-Familja, huwa ilmenta biss li ingħata trattament diskriminatorju minħabba n-nazzjonalità tiegħu.*

*..................*

*Fin-nuqqas ta' referenza fir-rikors promotur għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni din il-Qorti hija kostretta tiddikjara illi Artikolu 14 m'għandux eżistenza indipendenti, u għaldaqstant m'huwiex suffiċjenti li wieħed jallega d-diskriminazzjoni abbażi ta' dan l-artikolu biss mingħajr ma jallaċċjah ma dispożizzjoni sostantiva oħra. Il-Qorti tgħaddi għalhekk sabiex tirrispinġi l-ilment tar-rikorrent abbażi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*................*

*Fil-każ odjern, osservazzjoni bħal dik magħmula mill-Qorti tal-Familja m'għandhiex tinftiehem li l-imsemmija Qorti uriet li hija qiegħda tiddiskrimina kontra l-Għarab jew kontra r-rikorrent. Il-Qorti tal-Familja kienet qiegħda tagħmel referenza għal sentenzi oħra li tat hi stess f'dak il-perjodu. B'dik il-konsiderazzjoni l-Qorti tal-Familja kienet qiegħda tgħid li l-każ li kellha quddiemha ma kienx xi każ iżolat iżda li kien hemm kawżi oħra fejn żwiġijiet bejn Maltin ma' persuni ta' nazzjonalità Għarbija kienu motivati biss sabiex dawn ta' l-aħħar jottjenu ċ-ċittadinanza Maltija.*

*Kuntrarjament għal dak li jiddikjara r-rikorrenti, il-Qorti tal-Familja fis-sentenza tagħha qatt ma sabet li kien hemm xi qerq. Iż-żwieġ ma ġiex dikjarat null a bażi ta' l-Artikolu 19 (1) (ċ) tal-Kapitolu 255. Ir-rikorrent huwa għalhekk skorrett meta fir-rikors promotur jgħid li "l-Qorti attribwiet l-annullament taz-zwieg lir-rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (c) ta' l-Att dwar iz-Zwieg billi l-konsens ta' Adelina Aquilina kienet inkisbet bi qerq, minhabba simulazzjoni."*

*Waħda mir-raġunijiet għalfejn il-Qorti tal-Familja laqgħet it-talba ta' Adelina Aquilina kien propju għaliex:*

> *"mill-provi prodotti jirrizulta li dak li wassal lill-kontendenti biex jiehdu dan il-pass ta' zwieg kien biss sabiex il-konvenut ikun jista' jakkwista d-dritt li jghix u jahdem hawn Malta, u nonostante dak li jghid il-konvenut dwar l-istess ic-cirkostanzi juru mod iehor."*

*Fi kliem ieħor il-Qorti tal-Familja kienet qiegħda tiddikjara u tiddeċiedi li dak kien żwieġ ta' konvenjenza u għalhekk iż-żwieġ kellu jiġi annullat a bażi tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255. Però l-Qorti tal-Familja bl-ebda mod ma irriteniet li ġaladarba r-rikorrent huwa Għarbi allura ż-żwieġ sar awtomatikament għal raġunijiet ta' konvenjenza bħal ma donnu jallega r-rikorrent. Ma jistax jingħad li ż-żwieġ ġie annullat sempliċiment għax huwa Għarbi iżda ġie annullat għaliex il-Qorti tal-Familja iddeċidiet li kien hemm biżżejjed provi li juru li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza unikament sabiex Ismail Issa jottjeni ċ-ċittadinanza Maltija kif fil-fatt irnexxilu jagħmel unikament b'riżultat ta' dak iż-żwieġ.*

*Ikkunsidrat;*

*In prinċipju, diskriminazzjoni taħt il-Kostituzzjoni għandha tinftiehem bħala trattament differenti lill-persuni li huma f'sitwazzjoni simili mingħajr ġustifikazzjoni valida u oġġettiva. 'Sitwazzjoni simili' ma jfissirx li s-sitwazzjoni hija identika imma għandha tkun relattivament simili. A contrario sensu għalhekk ma jkunx hemm diskriminazzjoni jekk is-sitwazzjoni ma tkunx waħda simili.*

*.................*

*Mill-qari akkurat tal-proċess tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Famiolja, din il-Qorti ma sabet xejn li juri li r-rikorrent kien żvantaġġjat mill-qorti jew li ġie trattat differenti minn persuni oħra li kienu fl-istess sitwazzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed biss jistrieħ fuq il-paragrafu fuq kwotat u bena allegazzjoni li huwa ġie iddiskriminat.*

*Kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, il-Qorti ma sabiet xejn fil-proċess li jindika b'xi mod li l-Qorti tal-Familja kellha xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent għaliex kien Eġizzjan. Iż-żwieġ ma ġiex dikjarat null għax hu kien Eġizzjan iżda għaliex:*

*(a)mill-provi prodotti f'dik il-kawża irriżulta li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza; (b) "il-partijiet ma kellhomx il-minimu ta' ntenzjoni jew diskrezzjoni sabiex fl-istat li kienu u f'dak iz-zminijiet jifhmu ghal liema hajja u piz huma dehlin"; u (ċ) "il-partijiet eskludew mill-kunsens taghhom elementi essenzjali ta' zwieg jekk mhux kollha, u dan peress li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet nieqsa minn kull rabta ta' mhabba, emmozzjoni, unjoni u proponiment li huma jghixu hajjithom flimkien u ghal xulxin."*

*Din il-Qorti tqis ukoll li l-Qorti tal-Familja m'attribwitx il-ħtija għan-nullità taż-żwieġ lir-rikorrent biss iżda attribwitha liż-żewġ partijiet, indipendentement min-nazzjonalita' tar-rikorrent.*

*Dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat li Adelina Aquilina kellha tiġi notifikata b'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi wara li l-Qorti tat is-sentenza in parte tagħha fis-26 ta' Novembru 2020 fejn ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat; ma kienx hemm insistenza fuq din l-eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti qed tqis il-mertu tagħha eżawrit".*

5. L-attur appella b'rikors li ppreżenta fit-12 ta' Novembru, 2021. L-Avukat tal-Istat wieġeb fis-6 ta' Diċembru, 2021.

6. L-aggravju tal-attur jaqra hekk:

*"..... l-ewwel Onorabbli Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi stante donnu l-Ewwel Qorti riedet li r-Rikorrenti ġġib provi fuq kif persuni ta' razza differenti jiġu trattati mill-Qorti tal-Familja f'każijiet ta' annullament taż-żwieġ. Ir-rikorrenti jissottometti li mid-diċitura stess tas-sentenza suġġett ta' dawn il-proċeduri. Jekk wieħed janalizza x'qalet il-Qorti fis-sentenza ....... Adelina Aquilina kellha preokkupazzjoni għat-talba li tiżżewweġ. Fost dawn il-preokkupazzjonijiet kienet minħabba l-fat li Ismail Issa kien ta' ċittadinanza Eġizzjana. Minkejja dan ċediet għall-pressjoni tiegħu. Dan huwa meħud mill-provi prodotti mill-proċess. Iżda l-kummenti li l-Qorti għamlet fis-senteni tagħha li kien ġej mill-proċess u wisq anqas minn xi kwotazzjonijiet minn xi każistika jew kwotazzjoni jew referenza lejn xi awturi. ..... hawnhekk il-Qorti kienet qiegħda hi stess tagħmel distinzjoni bejn partijiet ta' kawżi ta' annullament li huma ta' razza Għarbija u partijiet fejn ma jkunux ta' razza Għarbija. Ovvjament il-Qorti kienet żbaljata li tgħid "nazzjonalita Għarbija" għaliex mhemmx nazzjon ta' Għarab, iżda hemm razza Għarbija. Mingħajr ma rrefera għal sentenzi speċifiċi, il-qorti qalet li din l-istorja tirrepeti ruħha b'diversi ċirkostanzi. Il-Qorti speċifikat li Għarab jagħmlu pressjoni fuq nisa Maltin sabiex jiżżewġu u l-qorti kellha każijiet bl-istorja simili bħala fil-każ li kellhom. B'hekk din il-konsiderazzjoni tal-Qorti ma kinitx tapplika jekk il-konvenut, Ismail Issa, kien Ewropew, Amerikan jew Sud Amerikan. B'hekk kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, jrid jiġi pprovat t-trattament differenti, il-każ li l-Qorti fis-sentenza tagħha qalet li hemm differenza bejn Għarab u ta' ġnus oħra, hija fiha nnifisha diskriminazzjoni u tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Fil-Fatt il-Qorti tal-Familja kellha preġudizzju kontra r-Rikorrenti għaliex ġabritu fil-keffa ta' Għarab oħra li ż-żwie' tagħhom kien ġie annullat. Minkejja li mhemmx kontestazzjoni li ż-żwieġ ta' Aquilina u Issa kien*

*vizzjat ab initio, dan ma kien minħabba żwieġ ta' konvenzjenza. Il-Qorti qabżet għall-konklużjoni li kien żwieġ ta' konvenjenza mhux mill-provi prodotti, iżda mill-fatt li huwa Għarbi u li kien hemm diversi każijiet oħra fejn Għarab ġabu ruħhom b'mod li annullaw iż-żwieġ tagħhom"*.

7. Fiċ-ċitazzjoni li biha nfetħet il-kawża tal-annullament, Adelina Aquilina ppremettiet li meta żżewġu l-konvenut (illum attur) ma kienx qalilha li hu Musulman. Qalet ukoll li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza. Għalhekk spjegat li meta żżewweġ il-konvenut ma kellux l-intenzjoni għal żwieġ li ma jinħallx u li jeskludi żwieġ ma' nisa oħra peress li għandu t-twemmin Musulman.

8. Il-parti rilevanti tas-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2003, taqra:

*"(A)PROVI PRODOTTI.*

*Illi fl-affidavit taghha l-attrici Adelina Aquilina qalet:*

> *"Jiena u Ismail izzewwigna fit-2 ta' April, 1997. Jiena ltqajt mar-ragel tieghi qisu tlett snin qabel iz-zwieg. Fil- bidu bqajna niffrekwentaw lil xulxin bhala hbieb. Matul dan il-peijodu ta' tlett snin kien hemm zmien meta ma bqajniex in kuntatt.*
>
> *Kien qisu xi sena qabel ma zzewwigna li bdejna nohorgu flimkien.*
>
> *Ir-ragel tieghi huwa Egizzjan u jippratika religjon Musulman.*
> *Fl-ahhar sena qabel ma zzewwigna r-ragel tieghi beda jinsiti li ahna nizzewwgu.*
>
> *Jiena nghid li ma xtaqtx nghaggel ghax donnu ma hassejtnix lesta.*
>
> *Pero', ir-ragel beda jinsisti u fl-ahhar cedejt.*
>
> *Nghid li l-preokkupazzjoni tieghi kienet ghax kien Egizzjan u ma jippratikax ir-religjon tieghi.*
>
> *Nispjega illi kemm fl-gherusija, kif ukoll fiz-zwieg, ir- ragel tieghi kien imur l-Egittu ta' spiss. Kwazi erbgha jew hames darbiet fis-sena. Ma kienx ighidli ghalfejn kien imur daqshekk ta' spiss.*

*Ghat-tieg jiena xtaqt li nizzewwgu bic-civil, pero' r-ragel xtaq li nizzewwgu skond ir-relgjon tieghu. Pero' jiena m'accetajtx u zzewwigna bir-registru ta' Malta.*

*Nispjega illi wara t-tieg ahna ma morniex honey moon u lanqas ma kellna d-dar taghna.*

*Hadni noqoghod mieghu f'appartament f'Bugibba flimkien ma' hutu li kienu jghixu hawn Malta.*

*Nghid illi jiena bqajt nahdem ghax ir-ragel ma kienx ighaddili l-flus. Qabel iz-zwieg kien qalli li kellu ammont ta' flus sostanzjali, pero' mbaghad meta zzewwigna qalli li hu kien "broke" u ma kellux flus.*

*Ahna domna nghixu flimkien ghal sena biss. F'dik is- sena r-relazzjoni taghna ma kienitx wahda mit-tajbin fis- sens illi konna nghixu hajja separata u ndipendenti minn xulxin.*

*Ir-ragel tieghi ma kien jaghtini soddisfazzion ta' xejn.*

*Il-hajja baqghet hekk ghal sena. Meta jiena rajt li z- zwieg tieghi kien kollu farsa, fis-sens illi konna nghixu mal-familja tieghu, konna nghixu ghar-rasna, kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejnietna, ndunajt illi r-ragel kien dahaq bija.*

*lndunajt li kien gideb hafna mieghi u kien biss zwieg ta' konvenjenza, ddecidejt li nitilqu. Fil-fatt jiena f'gurnata minnhom ghidtlu li kont iddecidejt li mmur lura nghix mal-genituri tieghi, hu lanqas biss ipprova jwaqqafni.*

*Ilna li tlaqna lil xulxin madwar sentejn u tul dawn is-snin lanqas biss ittenta jaghmel kuntatt mieghi.*

*L-ahhar darba li rajtu kienet sabiex inbdew l-proceduri l- Qorti ghall-annullament.*

*Fiz-zwieg li dam sena lanqas biss ma xtrajna xi ghamara jew xi dar.*

*Ir-ragel baqa' jinsisti illi jiena kelli nahdem.*

*Ahna llum diga sseparajna b'kuntratt.*

*Nghid illi wara li ddecidejt niehu l-passi ghal annullament, ir-ragel qalli li hu xtaq jitlaq ghax kellu mara ohra f'pajjizu."*

*Illi fl-affidavit tieghu il-konvenut Issa Ismail qal:*

*"Jiena nixtieq nghid illi minkejja li jiena qatt ma specifikajt Iil mara tieghi, Adelina Aquilina, li jiena kont musulman, izda certament ghamilt affarijiet li setghet tinduna hi liema religjon kont inhaddan. Per ezempju kont nghidilha li jiena kont imurr il-Mosque, kull nhar ta' Gimgha u meta morna I- insinwa biex nirregistraw il-bandi taz-zwieg, jiena hadt il-gurament tieghi fuq il-Koran u mhux fuq is-salib. Jiena kelli mieghi ic-*

*certifikat tat-twelid tieghi, li hemm miktub li jiena musulman. Dawn il-karti zammithom il-mara tieghi.*

*Jiena ma zzewwigtx lill-attrici ghal semplici fatt biex noqghod hawn Malta, ghaliex diga kelli work permit bejn is- snin 1996 sa l-1998, bhala Food Analyst meta kont impjegat mal-Lukanda Serena, Xlendi Bay, Ghawdex. B'hekk kelli permess li nibqa' Malta sa' l-1998 u kont nista' ngedded il-permess hawn fuq imsemmi. Jiena zzewwigt fl-- 1997. Jiena tant ridt nizzewweg lill-attrici li tlift ix-xoghol tieghi l-Egittu bhala lab analyst u tlaqt ghal kollox mill- Egittu. Billi biddilt ic-cittadinanza jien tlift l-opportunita' li nahdem f'pajjizi.*

*......................*

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li wassal lill-kontendenti biex jiehdu dan il-pass ta' zwieg kien biss sabiex il-konvenut ikun jista' jakkwista d-dritt li jghix u jahdem hawn Malta, u nonostante dak li jghid il-konvenut dwar l-istess ic-cirkostanzi juru mod iehor.*

*Illi ghar-rigward l-attrici jirrizulta mill-affidavit taghha li ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta' cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall-promessi fiergha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b'dan il-mod. Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta' nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f'diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta' sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b'diversi cirkostanzi. Illi f'dan il-kaz jidher li l-insistenza tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kienet persistenti tant li huwa sinifikanti u elokwenti l-kumment tal-konvenuta li meta ghazlet li taccetta l-proposta tal-konvenut ghaz-zwieg hija qalet "fl-ahhar cedejt".*

*Illi dan juri li l-partijiet ma kellhomx lanqas il-minimu ta' ntenzjoni jew diskrezzjoni sabiex fl-istat li kienu u f'dak iz-zminijiet jifhmu ghal liema hajja u piz huma dehlin, u in verita` din il-Qorti thoss li f'dak l-istadju l-partijiet ftit kien jimpurtahom hlief li juzaw iz-zwieg bhala mezz biex jilhqu l-ghan ulterjuri taghhom, u fuq dan il-bazi certament li hemm kaz ghal annullament taz-zwieg abbazi ta' l- Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.*

*Illi minn barra dan jidher li bil-mod kif mexxew ir-relazzjonijiet taghhhom kemm qabel u kemm wara l-istess celebrazzjoni taz-zwieg, il-partijiet eskludew mill-kunsens taghhom elementi essenzjali ta' zwieg jekk mhux kollha, u dan peress li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet nieqsa minn kull rabta ta' mhabba, emmozzjoni, unjoni u proponiment li huma jghixu hajjithom flimkien u ghal xulxin, u fil-fatt jidher car li fuq kollox il-konvenut mexa ghal rasu, hlief li ghex kemm seta' minn fuq l-attrici, filwaqt li l-attrici jidher li qajla taghat kaz ta' dan kollu, ghalkemm in verita` jidher li b'xi mod ippruvat.*

*Illi ghalhekk abbazi ta' dak premess jidher ukoll li dan iz- zwieg ghandu jigi dikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet anke abbazi tal-artikolu 19 (1)(f) tal- Kap 255.*

*Illi f'dak li jirrigwarda l-premessa l-ohra ta' l-attrici li z-zwieg huwa null abbazi tal-artikolu 19 (1)(c), peress li sostniet li ma kienitx taf jew konxja*

> *tal-fatt li l-konvenut kien ta' religjoni Musulmana, din l-allegazzjoni attrici assolutament ma tirrizultax, peress li c-cirkostanzi juru u l-provi hekk jikkonfermaw li l-attrici kienet taf b'dan kollu mill-bidu nett tar-relazzjoni taghha mal-konvenut u ghalhekk it-talba ta' annullament fuq din il-bazi ma hijiex qed tigi akkolta"".*

9. Evidenti li l-Qorti tat iktar kredibilta' lill-verżjoni tal-mara. Il-kawża kienet deċiża fuq apprezzament tal-provi u mhux għaliex l-attur hu ta' nisel Għarbi.

10. Hu stramb ukoll kif jekk il-konvenut ħassu daqstant aggravat bis-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2003, m'appellax. Wara kollox iż-żwieġ ġie annullat ukoll minħabba raġunijiet imputabbli lilu, għaliex biż-żwieġ kien ser jibqa' jgħix Malta. Fil-fatt mill-provi rriżulta wkoll li kien sar ċittadin Maltin, proprju għaliex kien iżżewweġ ċittadina Maltija.

11. L-osservazzjoni li għamlet il-Qorti li annullat iż-żwieġ, dwar persuni *'ta' nazzjonalita' Għarbija'*, kienet sempliċement dwar kawżi ta' annullament li kienet qiegħda tiddeċiedi fiż-żmien rilevanti li fihom kien qiegħed jirriżulta li jkun sar żwieġ ta' konvenjenza. Hu veru li strettament wieħed jirreferi għar-razza Għarbija u mhux nazzjonalita` Għarbija, iżda dak l-iżball m'għandu l-ebda impatt fuq l-eżitu tal-mertu. Dak il-kumment ma jikkwalifikax bħala xi kumment razzist jew li l-Qorti ddeċidiet b'dak il-mod għaliex l-attur kien ta' nazzjonalita` Eġizzjana meta żżewweġ Maltija. Il-Qorti ddeċidiet abbażi tal-provi li kellha quddiemha. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi li sar minn dik il-Qorti. Pero`

jibqa' l-fatt li l-kumment li għamlet u li dwaru qiegħed jilmenta l-attur ma kinitx ir-raġuni li wassalha sabiex tikkonkludi li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza.

12. Il-Qorti tant ma kellhiex xi preġudizzju kontra l-attur, li għalkemm Adelina Aquilina qalet li l-konvenut ma kienx qalilha li hu Musulman, il-Qorti kkonkludiet li dak il-fatt ma kienx jirriżulta mill-provi.

13. Il-Qorti lanqas mhi tal-fehma li l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti kkawżat lill-attur u lill-persuna oġġettiva dubji leġittimi dwar l-imparzjalita` tal-Qorti għall-każ li kellha quddiemha.

14. Hu wkoll evidenti li fiż-żmien rilevanti l-attur ma tax importanza għal dak il-kumment u kien kuntent bis-sentenza, x'aktarx għaliex iż-żwieġ ma' Adelina Aquilina kien ġie annullat. Tant hu hekk li lanqas biss m'appella mis-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2003. Kien biss wara li l-attur irċieva avviż tat-28 ta' Frar, 2019 (fol. 51) li ser titneħħilu ċ-ċittadinanza Maltija li lmenta li kien vittma ta' diskriminazzjoni minħabba razza.

15. Dan apparti li l-każ in eżami mhuwiex wieħed fejn persuna ta' nazzjonalita` differenti ġie trattat b'mod differenti mill-attur.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da